MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 2232/2000/2

**Natalizia *sive* Lizia Mercieca.**

**-vs-**

**Paula Mercieca bħala eredi u s-Sorijiet Dumnikani ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żabbar; il-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar; il-Monsinjur Isqof Paul Darmanin; l-Avukat Dr. Laurence Gonzi; Dun Frans Bianco legatarji tad-defunta Teresa, armla minn Joseph Ellul; u Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja b'digriet tal-5 ta' Mejju, 2003 ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' *giacenti*, jekk ikun il-każ, ta' l-istess Teresa, armla minn Joseph Ellul jew ta' l-istess legatarji; u b'digriet ta' l-14 ta' Ġunju, 2004 ġew nominati Kuraturi Deputati l-Avukat Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud sabiex jirrappreżentaw l-eredita' *giacenti* ta' Dun Frans Bianco u lill-Monsinjur Paul Darmanin li jinsab assenti.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-29 ta’ Settembru, 2000 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi permezz ta’ testment ta’ l-14 ta’ Awwissu, 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza, Teresa, armla minn Joseph Ellul, li mietet nhar l-10 ta’ April, 1989, ħalliet, permezz tar-raba’ artiklu ta’ l-istess testment, illi a kura ta’ l-esekutur testamentarju tagħha d-dar ta’ l-abitazzjoni tagħha numru 27, Spadaro Street, Żabbar, għandha tinbiegħ bl-effett mobbli u għamara kollha ta’ ġewwa fiha u r-rikavat għandu jiġi perċepit b’titolu ta’ legat, u *cioe’* kwantu għal kwart ($^1/_4$) mis-Sorijiet Dumnikani ta’ San Ġużepp ta’ Ħaż-Żabbar, kwantu għal kwart ($^1/_4$) mill-Knisja Parrokkjali ta’ Ħaż-Żabbar u kwantu għal nofs ($^1/_2$) bejn il-Monsinjur Isqof Paul Darmanin, li qiegħed fil-missjoni fil-Kenja, Liza Mercieca mart Ġużeppi Mercieca li toqgħod numru 22, Spadaro Street, Żabbar, l-Avukat Dottor Laurence Gonzi u s-Saċerdot Dun Frans Bianco, residenti f’Wied il-Għajn, f’sehem indaqs bejniethom, u dan kif jirriżulta aħjar mill-kopja tat-testment hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A.

Illi l-esekutur testamentarju nominat permezz tat-testment aktar ’il fuq indikat ma aċċettax l-inkarigu lilu mogħti.

Illi a tenur ta’ l-Artiklu 778 tal-Kapitlu 16 f’tali każ l-esekuzzjoni tat-testment tibqa’ mħollija f’idejn il-werrieta.

Illi l-unika werrieta tad-defunta hija Pawla Mercieca u għad li mitluba hija qegħda tonqos milli tiddikjara jekk m’hijiex qiegħda taċċetta l-eredita’ tad-defunta Teresa, armla minn Joseph Ellul.

Illi l-istess Paula Mercieca qiegħda tgawdi sew il-legat imħolli lilha kif ukoll dak imħolli lill-attriċi u l-konvenuti l-oħra.

Illi bl-aġir tagħha Pawla Mercieca qiegħda tostakola lill-attriċi u lill-konvenuti l-oħra milli jingħataw il-legati mħollija lilhom.

Illi l-konvenuta Pawla Mercieca, għalkemm interpellata sabiex tieħu dawk il-passi kollha opportuni sabiex l-attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-legat imħolli lilha, hija baqgħet inadempjenti.

Illi s-sehem imħolli lill-attriċi jifforma parti minn immobbli u *cioe'* l-fond 27, Spadaro Street, Żabbar, liema fond ma jistax jinqasam komodatament bejn il-legatarji.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti, prevja d-dikjarazzjoni li l-proprjeta' *da quo* ma hijiex komodatament diviżibbli bejn il-partijiet, din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

1. Tordna l-likwidazzjoni, okkorrendo permezz ta' periti, ta' kemm huwa dovut lil legatarji fuq imsemmija in forza tad-disposizzjonijiet dettati minn Teresa armla minn Joseph Ellul fit-testment tagħha fl-Atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza ta' l-14 ta' Awwissu, 1992 għall-finijiet kollha tal-liġi.

2. U tiddikjara li l-attriċi tkun tista', 'il quddiem, titlob il-pagament tal-kwota li tmiss lilha, in forza ta' l-istess legat, mill-ammont u oġġetti li hekk jiġu likwidati u ffirmati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti sabiex jixhdu u għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Vincent E. Ciliberti, Aġent Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entijiet Djoċesani kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, ippreżentata fil-21 ta' Marzu, 2002, li permezz tagħha espona bir-rispett:

Illi hu mhux edott mill-fatti u jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-imsemmi konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Paula Mercieca, ippreżentata fit-23 ta’ Jannar, 2003, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett:

1. Illi l-eċċipjenti m’hijiex leġittima kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju billi skond l-istess testment esebit mill-attriċi, l-eċċipjenti hija biss legatarja u kif dikjarat mill-attriċi stess hija qatt ma għamlet xi dikjarazzjoni li hija aċċettat l-eredita’ tal-mejta Teresa Ellul.

2. Illi in kwantu rivolta kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita’ *giacenti* “jekk ikun il-każ” l-azzjoni attriċi hija improponibbli u f’kull każ irregolari u nulla.

3. Illi l-azzjoni attriċi hija wkoll improponibbli billi l-attriċi la wirtet sehem mill-fond 27, Spadaro Street, Żabbar, u lanqas ma għandha sehem b’legat, f’liema każ, kien xorta waħda jkun meħtieġ li titlob li tiġi immessa fil-pussess skond il-liġi.

4. Illi t-talbiet attriċi huma wkoll infondati kemm fil-fatt kemm fil-liġi billi t-testment tal-mejta Teresa Ellul jipprovdi ċar x’għandu jsir mill-post 27, Spadaro Street, Żabbar u d-dritt ta’ l-attriċi m’huwiex fuq il-post innifsu iżda fuq sehem mir-rikavat tal-bejgħ tiegħu, liema bejgħ it-testatriċi ordnat li jsir a kura ta’ l-eżekutur testamentarju.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja, ippreżentata fid-19 ta’ Mejju, 2003, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi huma għadhom mhux edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk jirriservaw illi jippreżentaw l-eċċezzjonijiet formali fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Kuraturi Deputati maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja, ippreżentata fl-24 ta' Ġunju, 2003, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi huma għadhom mhux edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk jirriservaw illi jirrispondu f'aktar dettall u preċiżjoni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Kuraturi Deputati maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati, Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ippreżentata fil-21 ta' Lulju, 2004, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi l-eċċipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Kuraturi Deputati maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati, Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ippreżentata fis-26 ta' Ottubru, 2004, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi preliminarjament l-eċċipjenti ġew infurmati mill-assenti li qatt ma ġie infurmat bil-kontenut tat-testment ta' Teresa, armla minn Joseph Ellul u għaldaqstant m'għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża odjerna;

2. Illi l-eċċipjenti ġew infurmati li l-assenti ma jopponix il-likwidazzjoni u li jiġu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tat-testment ta' Teresa Ellul.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Kuraturi Deputati maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja, ippreżentata fid-19 ta' Ottubru, 2006, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw minn issa d-dritt li jissottomettu eċċezzjonijiet ulterjuri fi stadju avvanzat.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Kuraturi Deputati maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-provvediment mogħti fil-15 ta' Jannar, 2007.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Ġunju, 2003 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawża qamu diversi punti proċedurali li tawlu l-andament tagħha. Dawn inqalgħu l-iktar għall-mod kif saret il-kawża u l-konvenuta għandha raġun tgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li: "*dan il-process kien vizzjat b'diversi nuqqasijiet proċedurali.*" Minħabba f'hekk saru

diversi rikorsi li kellhom jiġu trattati qabel ma l-Qorti setgħet tħalli l-kawża għas-sentenza.

Meta wieħed jeżamina l-proċess pero’ jikkonstata li dawn il-problemi setgħu ġew imħollija fil-ġenb tenut kont tal-kontenut tat-testment li dwaru saret il-kawża u t-talbiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni. Permezz ta’ dan l-artiklu rilevanti l-mejta Teresa Ellul ħalliet legat li permezz tiegħu l-fond indikat fiċ-ċitazzjoni kellu jinbiegħ u r-rikavat jinqasam kif indikat. F’dan l-artiklu l-attriċi biss kellha interess. Il-kawża allura saret kontra l-konvenuta Mercieca li skond l-attriċi hija l-eredi billi fit-testment ma ġiex indikat werriet u l-istess konvenuta hija oħt il-mejta u jidher ukoll li hija l-unika oħt li kellha; u kontra d-diversi legatarji oħra u l-esekutur testamentarju li pero’ rriżulta li rrinunzja għall-inkarigu. Il-konvenuta baqgħet tgħid sa l-aħħar li kienet għadha ma aċċettatx il-wirt u allura l-attriċi talbet in-nomina ta’ kuraturi biex jirrappreżentaw il-wirt – miżura dibattibbli proċeduralment. L-attriċi tardivament fil-proċeduri talbet ukoll illi żżid talba biex il-konvenuta tkun kostretta tiddeċiedi dwar jekk taċċettax il-wirt jew le.

Kif sfortunatament jiġri pero’ meta kawża jkollha diversi intoppi proċedurali, meta wieħed jeżamina t-talba attriċi ssib li din ma kinitx idoneja għall-każ. L-attriċi hija legatarja u għalhekk kull ma jinteressaha huwa l-legat li tħallilha. It-talba tagħha kellha għalhekk tkun limitata għall-konsenja da parti tal-werrieta ta’ dak il-legat u f’dan il-każ għalhekk illi l-fond in kwistjoni jiġi mibjugħ b’dak ta’ ġo fih biex hija tieħu sehemha. *Invece* talbet likwidazzjoni tal-legat li loġikament ma jistax isir qabel ma jsir il-bejgħ. It-talba attriċi hija għalhekk konfuża u dan huwa wkoll indikat mill-kontenut l-ieħor taċ-ċitazzjoni fejn hemm referenza għall-fatt li l-immobbli m’humiex diviżibbli – xi ħaġa li ma għandha x’taqsam xejn ma’ kif kellha tiġi imposta l-kawża. Għalhekk ir-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuta, u *cioe’* li t-testment jindika ċar u tond x’għandu jsir għandha tiġi milqugħa.

Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża fl-ismijiet <u>Alice Amato vs Vivian de Gray et</u> deċiża fl-24 ta’ Novembru, 1958: “*Il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tal-kawżali u tat-talba*

*kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni; u t-termini użati f'atti ġudizzjarji formali bħal ma hu l-att taċ-ċitazzjoni għandhom jittieħdu, u jittieħdu biss fis-sens ġuridiku tagħhom u mhux fis-sens tal-lingwaġġ popolari ta' nies profani għal-liġi. Xort'oħra l-konsegwenzi jkunu kaotiċi.*"

Wieħed jissimpatizza ma' l-attriċi li għadha ma ġietx sodisfatta t-talba tagħha biex tieħu sehemha mill-legat u l-Qorti anke ma għandhiex wisq simpatija ma' l-aġir tal-konvenuta li qed tħalliha tistenna biex tieħdu u speċjalment mill-mod kif qed tħalli ż-żmien jgħaddi mingħajr ma tiddeċiedi jew hux ser taċċetta l-wirt għaliex qegħda komda (fil-fatt il-kawża twalet u ġew nominati kuraturi minħabba f'hekk) u għalhekk il-Qorti ser tieħu dan in konsiderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjeż. Ma hemmx lok pero' li l-Qorti tiddelibera dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra li għalkemm huma interessanti mill-aspett akkademiku ma humiex iktar rilevanti *in vista* ta' dak li ingħad.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta Mercieca u tiċħad it-talba kif proposta. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------